MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 351/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elton Taliana)**
**Vs**
**Maximilian Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-28 ta' April, 2010 għall-ħabta tas-sebgħa u kwart ta' filgħaxija (19:15hrs) ġewwa Triq Hal-Warda, Attard,

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaguna offiża gravissima fuq il-persuna ta' Rebecca-Marie Falzon ta' ħdax il-sena;

2. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'

regolamenti, ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Sarah-Marie Falzon ta' ħdax il-sena.

3. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħsara, ħassar jew għarraq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni NOE 121 għad-dannu ta' Christopher Calleja mill-Mosta, liema ħsara tkun iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69);

4. Talli saq vettura ta' l-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni HBD 096 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-awtorita' dwar it-trasport ta' Malta taħt dik il-kategorija għall-imsemmija vettura;

5. Talli saq l-imsemmija vettura b'numru ta' reġistrazzjoni HBD 096 tal-għamla Peugeot mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji għal terzi persuni;

6. Talli saq motor-car jew vettura oħra ta' l-ghamla Peugeot Partner bin-numru tar-reġistrazzjoni HBD 096 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż;

7. Saq jew prova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura b'numru tar-registrazzjoni HBD 096 fi triq pubblika meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

8. Saq vettura tal-għamla Peugeot Partner bin-numru ta' reġistrazzjoni HBD 096 u eċċeda il-limitu ta' velocita skont il-liġi;

9. Bħala xufier ta' vettura b'numru tar-reġistrazzjoni HBD 096 naqas li jieqaf u jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura, wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involuta f'incident li jinvolvi offiża fuq il-persuni u meta ġiet ikkaġunata ħsara lil xi vettura;

10. Naqas li jieqaf fi triq li kienet immarkata b'linji bojod paralleli, jew b'sinjali oħra biex juru spazju għall-passaġġ għall-użu ta' nies bil-pass, biex iħalli lin-nies bil-pass jaqsmu;

11. Akkużat ukoll talli fl-istess data u ħin fi Triq l-Imdina, Attard waqt li kien qed isuq il-vettura ta' l-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni HBD 096 naqas milli jieqaf fuq is-sinjali ta' dawl tat-traffiku meta id-dawl kien ahmar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Lulju, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 49, 50, 216, 218, 226(1)(a)(b) u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 67, 89, 125, 127 ta' l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sebgħa imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu fiċ-ċitazzjoni, u filwaqt li ma sabitx lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet indikati fil-paragrafi "i", "k" u "m" tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Generali u lliberatu minnhom, sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha miġjuba kontra tiegħu ai termini tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Generali b'dan li ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni (il-paragrafu "b" tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju) sabet lill-appellant ħati tar-reat minuri kompriż u involut ta' offiża gravi involontarja ai termini ta' l-artikolu 226(1)(b), u kkundannatu sentejn priġunerija w skwalifikatu minn kull liċenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' għaxar (10) snin minn meta jiskonta l-piena karċerarja hawn imposta. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura ta' tip Peugeot Partner bin-numru ta' reġistrazzjoni HDB 096, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 535 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lill-appellant biex fi żmien sitt xhur iħallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' tlett elef u tnejn u disgħin Euro u sitta w sittin centeżmu (€3,092.66) rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Awissu, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi waqt li tikkonfermha fejn sabitu mhux hati u tikkonfermha fuq dawk l-imputazzjonijiet illi minnhom mhux qed isir appell, tirrevokha għall-kumplament u speċjalment tirriformha dwar il-piena li kienet gravuża u tenut kont tal-karċerazzjoni illi l-appellant għamel, li l-istess tiġi ridotta għal piena aktar konformi mal-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati f'kazi simili.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti fl-10 t'Ottubru, 2011 fuq eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali dwar in-nullita' tal-appell.

Rat ukoll id-digriet mogħti minn din il-Qorti fis-seduta tas-17 t'Ottubru, 2011 li bih ċaħdet talba tal-Avukat Ġenerali sabiex l-appell ikun iddikjarat deżert.

Rat ukoll in-Nota esplikattiva tal-appellant intavolata fl-14 t'Ottubru 2011 li fiha huwa spjega li hemm appell dwar il-paragrafi A,B u Ċ; li ma hemmx appell dwar il-paragrafu D; li hemm appell dwar il-paragrafi E u F ; li dwar l-akkużi rimanenti, jekk hemm ħtija fuq l-ewwel tliet akkużi, allura dawn l-akkużi huma kompriżi u involuti, li m'hemmx appell mir-riċediva iżda hemm appell mill-piena.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jistgħu jitqassru kif ġej:-

(1) **Bħala preliminari**, persuni oħra f'ċirkostanzi simili jew agħar ma baqgħux arrestati. Filfatt jew jissottometti an li ġej:

'Għandu jingħad illi dan huwa forsi l-uniku każ fejn persuna baqgħet arrestata għal żmien hekk konsiderevoli fuq imputazzjoni ta' offiżi gravi involontarji. Fl-istess żminijiet persuni oħra tressqu b'akkużi anke ta' qtil involontarju u ngħataw il-liberta` proviżorja. Uħud

minnhom anke mal-ewwel ġurnata. Jista` jissemma, per eżempju. l-każ "Pulizija vs Kevin Ellul" fejn kien hemm il-qtil ta' persuna issa deċiż mill-Appell Kriminali illi ngħata l-liberta` provizorja mill-ewwel ġurnata u ma ngħata l-ebda kundanna ta' ħabs. Hemm oħrajn illi wkoll ħarġu bil-liberta` proviżorja mal-ewwel.'

(2) L-Avukat Ġenerali naqas li jindika l-persuni jew il-fatti li għalihom għamel referenza fin-nota tar-rinviju. Il-Qorti interpetat li r-referenza għall-paragrafu (ċ) kieent għad-danneġġament involuntarju għad-dannu ta' Christopher Calleja. L-appellant jissottometti li hemm kuntrast bejn l-artikoli 225 u 328 tal-kap 9. Hemm differenza fil-piena u għalhekk għandha tkun applikata lanqas piena. Minħabba li la-rtikolu 328 jipprospetta dannu fuq il-propjeta' u fuq il-persuna, isegwi li l-piena imposta fuq l-appellant kienet waħda eċċessiva.

**(M'hemm ebda kontestazzjoni dwar sewqan bla liċenzja)**

(3) L-appellant jissottometti li l-aħħar ġurisprudenza dwar sewqan bla polza tas-sigurta' hija żbaljata. Bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, l-importanti hu li l-karozza tkun assigurata. Ir-rappreżentant tal-ADT jew tat-Trasport Malta esebixxa d-dokument relattiv li juri li l-karozza kienet inxurjata. L-appellanti kellu jkun liberat minn din l-akkuża.

(4) L-appellant jikkontesta li huwa kien isuq b'mox eċċessiv. Wieħed għandu jikkonsidra sew il-konfigurazzjoni tat-triq. **Mhux kontestat li l-appellant laqat liż-żewġt itfal (fol 770) iżda** wieħed m'għandux jargumenta li minħabba dan l-effett, allura l-appellant kien qed isuq b'mod eċċessiv.

(5) L-appellant jiċħad illi huwa ma waqafx preċiż fuq il-post imma mexa distanza għax beża'. Lanqas dan ma huwa indizju ta' sewqan perikoluż jew bi speed eċċessiv. L-istess imputazzjonijiet huma komprużi u involuti dwar ir-reati l-oħra tas-sewqan.

(6) Il-piena kienet gravuża oltre dik li kienet aktar gravuża minn dak li jiddisponi l-artikolu 328. Barra dan is-sospensjoni tal-liċenzja għal żmien ta' għaxar snin minn meta tkun skontta l-piena hija kontra l-Liġi.

(7) Il-konfiska tal-vettura għandha tapplika meta l-vettrua ma tkunx assigurata. Ġaladarba l-vettura kienet assigurata, isegwi li l-konfiska tal-karozza hija kontra l-Liġi.

Ikkonsidrat

Qabel tikkonsidra l-aggravji tal-appellant, il-Qorti qieset dak li ntqal mill-appellant stess fir-rikors promotorju li mhux kontestat li l-appellant laqat liż-żewġt itfal. Madankolli, il-Qorti xorta eżaminat il-provi biex ma jkollha ebda dubju dwar dan. Mill-istqarrija tal-appellant u minn xi xhieda oħra jirriżulta b'mod ċar li kien l-appellant u mhux xi persuna oħra li laqat liż-żewġ vittmi involuti fl-inċident. Għalhekk dan il-punt bażiku tal-fatti huwa stabbilit 'l hemm minn kull dubju raġonevoli.

Wara li kien stabbilit dan il-punt, il-Qorti ser tikkonsidra l-aggravji wieħed wara l-ieħor.

**Il-Preliminari**

(1) L-appellant bħala preliminari jilmenta dwar l-arrest tiegħu u li dan l-arrest twal ħafna meta wieħed iqis li persuni li kienu involuti f'każi ta' qtil involontarju ngħataw il-liberta' proviżorja mal-ewwel.

Il-Qorti qieset din is-sottomissjoni preliminari u għarblet il-każ kollu. L-ewwelnett kull każ għandu storja għalih u mhux bilfors li għax persuna ingħatat il-liberta' proviżorja mill-ewwel, allura ħadd ieħor għandha bilfors jeħodha. Il-ġudikant irid jiddistingwi bejn każ u ieħor. It-tieni, fil-fatt l-

appellant ingħata l-liberta' proviżorja iżda din intilfet meta tneħħa d-depożitu jew il-garanzija. Li kieku ma sarx hekk, il-ħelsien mill-arrest kien jibqa' fis-seħħ.

**It-Tieni Aggravju**

(2) (i) Fl-ewwel parti ta' dan l-aggravju, l-appellant jissottometti li l-Avukat Ġenerali naqas li jindika l-persuni jew il-fatti li għalihom għamel referenza fin-nota tar-rinviju. Bir-rispett kollu, l-Avukat Ġenerali ma kellux għalfejn jagħmel dan. Huwa kien qed jimxi mal-ordni tal-imputazzjonijiet kif mogħtija u l-ġudikant jew l-appellant ma kellu jkollu ebda dubju għaxiex kien qed jirreferi billi jqabbel l-imputazzjonijiet mal-artikoli indikati. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din l-ewwel parti ta' dan l-aggravju.

(ii) L-appellant jissottometti wkoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti interpretat il-paragrafu (ċ) mibgħut mill-Avukat Ġenerali għall-ħsara li sofra Christopher Calleja fil-vettura tiegħu. Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tara xejn ħażin fl-interpretazzjoni'. Effettivament it-tielet imputazzjoni tgħid hekk:

*'B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħsara, ħassar jew għarraq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni NOE 121 għad-dannu ta' Christopher Calleja mill-Mosta, liema ħsara tkun iżjed minn elf, mija u erba' u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1649.69).'*

Mill-kliem użat f'din l-imputazzjoni, jidher li r-referenza fil-paragrafu (ċ) tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali bl-artikoli, hija għat-tielet imputazzjoni kif ippreżentata fiċ-ċitazzjoni. Għalhekk l-artikolu qed jirreferi għal ħsara li seħħet fuq il-karozza ta' din it-terza persuna u mhux għat-tfal li kienu l-vittmi tal-inċident. Dawn ma kienu qed isuqu ebda karozza.

Il-Qorti ma tara ebda konflitt bejn l-artikolu 218 u l-artikolu 328 jew l-artikolu 225 u 318. Dan tal-aħħar jaqa' taħt titolu għal kollox differenti – fuq id-delitti kontra s-sigurta

pubblika u fuq ħsarat lill-propjeta''. L-artikolu 218 huwa dwar reat kontra l-persuna. L-artikoli 225 u 226 jipprovdu għal meta l-ħsara kontra l-persuna isseħħ involontarjament.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Ewwel Qorti m'għamlet ebda interpretazzjoni ħażina tal-Liġi u m'hemmx konflitt bejn l-artikoli 218 u 225 jew 226 tal-Kap 9 fuq naħa u l-artikolu 328 tal-Kap 9 min-naħa l-oħra. Waqt li l-artikoli 218, 225 u 226 jipprovdu għas-sigurta' tal-persuna, l-artikolu 328 jipprovdi għall-protezzjoni tal-propjeta' u x'konsegwenzi jista' jkun hemm meta jkun hemm ħsara involontarja fil-propjeta' u ma' din il-ħsara josfri xi persuni.

**L-applikabilita' tal-artikolu 218.**

Jekk wieħed jeżamina dak li xehdu d-diversi tobba wieħed għandu jasal għall-konklużjoni li l-artikolu 218 japplika vis a vis Rebecca Falzon. Il-Qorti ser tieħu siltiet qsar:

Dr Mario Scerri – l-espert forensiku maħtur mill-Qorti: 'Il-kondizzjoni ta' Rebecca Falzon kienet waħda kritika u kellha tiġi ammessa fit-taqsima tal-kura intensiva tal-isptar Mater Dei. Aktar tard il-kundizzjoni tagħha stabbilzzat ruħha u kienet trasferita għas-sala Fairyland. Rebecca Falzon għadha sal-lum tbati minn post concussional syndrome. Illi għau kmieni biex wieħed jgħid jekk din tibqax b'mankament jew b'debbulizza permanenti riżultanti minn dan l-inċident.'

Dr. Michael Buttigieg: 'Meta rajtha jien mal-esperti oħrajn kien hemm sinjali ċarti on examination ta' ħsara tal-moħħ, brain injury. Fuq is-CT scan tal-moħħ deher li kien hemm fracture fl-għadma tal-wiċċ u fuq is-CT scan tat-thorax kien hemm sinjali ċari ta' ħsara fil-pulmun.'

Dr.Ethel Felice: ' Bħala effett dirett tal-inċident kien hemm kambjament fl-imġiba ta' Rebecca Falzon fis-sens li saret aktar intolleranti, irritabbli, aktar aggressiva kemm ma' missierha u kemm ma' neis li kien hemm biex

jgħinuha.........Għadha b'uġigħ ta' ras speċjalment meta titħabat. Għadha ssib diffikulta' ta' konċentrazzjoni f'ċertu suġġetti speċjalment il-Matematika. Dan kollu (qed jiġri) minkejja l-fatt li l-X Rays u l-MRI tal-moħħ huma normali. Nikkonkludi li dan li semmejt huwa marbut ma' trawma newroloġika ta' meta kienet milquta fl-inċident.' (fol 728 u 729).

Dr Anton Grech: ' Fit-13 ta' Mejju 2010, il-kundizzjoni ta' Rebecca Marie Falzon kienet ta' 'behaviour regress' u dana għaliex kienet qed taġixxi qisha tifla ferm iżgħar mill-eta' tagħha. ...L-MRI test irriżulta fin-negattiv iżda l-imġiba tagħha baqgħet l-istess. Ftit, ftit, l-iġiba tagħha bdiet ġejja 'l quddiem, iżda baqgħet tbati minn anzjeta' u minn ċertu biża'. Dak li ma nistax ngħid f'dan l-istadju huwa għandhiex dawk li nsejħulhom cognitive problems. U ngħid hekk għaliex meta jkun hemm head injuries ta' dik is-severita' huwa normali li jkun hemm nuqqas ta' konċentrazzjoni u problema ta' memorja.' (fol 437).

Skont l-artikolu 218(2) tal-Kap 9:

'Id-debulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktrax ikunu hekk.'

Fil-fehma tal-Qorti, fid-dawl tax-xhieda tat-tobba, m'hemm ebda dubju li l-artikolu 218 għandu japplika vis a vis l-ġrieħi li sofriet Rebecca Falzon.

**L-applikazzjoni tal-artikolu 216 tal-Kap 9**

Rigward l-applikazzjoni tal-artikolu 216 vis a vis Sarah Marie Falzon, il-Qorti qed tislet dan il-kumment mir-rapport tal-espert forensiku:

'Illi l-leżjoni deskritta fil-medial malleolus tal-lemin li kellha tiġi operata hija kklassifikata bħal leżjoni ta' natura gravi per durata.' (fol 496)

Barra minn dan, il-Qorti qed tirreferi wkoll għaċ-ċertifikat a fol 40 maħruġ mill-Isptar Mater Dei fejn jingħad hekk:

‘right side ankle swelling and deformity; Fracture right ankle.’

Fl-aħħarnett, wieħed irid iqis dak li xehed il-konsulent Abela (ara fol 295) u kif kien ikkowtat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza a fol 760.

Il-Qorti qed tikkonkludi li l-artikolu 216 japplika għal każ ta’ Sarah Marie Falzon.

L-ewwel Qorti eskludiet l-applikazzjoni tal-artikolu 225 tal-Kap 9.

Il-Qorti qed tiddeċiedi wkoll li t-tielet sett ta’ artikoli (jiġifieri dawk immarkati (ċ)) jirreferu għat-tielet imputazzjoni.

Għalhekk il-Qorti, waqt li ma qed tara ebda konflitt legali bejn id-dispożizzjonijiet 218, 225 u 226 u l–artikolu 328, qed tiċħad ukoll it-tieni parti tat-tieni aggravju

**(M’hemm ebda kontestazzjoni dwar s-sewqan ta’ karozza mingħajr liċenzja) (Ir-raba’ imputazzjoni – ittra (d) fil-lista tal-artikoli tal-Avukat Ġenerali).**

**It-Tielet Aggravju**

(3) Sewqan bla polza ta’ assigurazzjoni. (imputazzjoni 5, ittra (e) fil-lista tal-artikoli tal-Avukat Ġenerali. Id-difiża ssostni li bid-dħul ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea kull karozza hija assigurata u għalhekk isegwi li l-appellant ma kellux jinstab ħati ta’ din l-imputazzjoni. Bir-rispett kollu l-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni u fil-fehma ta’ din il-Qorti l-pożizzjoni korretta legali hija kif spjegata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tal-4 ta’ Frar 2011. Biex tevita r-ripetizzjoni l-Qorti qed tirreferi għall-kwotazzjoni twila mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti a fol 757. Is-serħan tal-moħħ li l-vittma għandu ċans ikbar għar-riżarċiment tad-dannu ċivilment minħabba li kull karozza

trid tkun assigurata bl-ebda mod ma jxejjen id-dmir li kull sewwieq ikun assigurat u li jekk jonqos li jagħmel dan jista' jinstab ħati ta' reat. F'dan il-każ jirriżulta li l-assigurazzjoni tal-karozza ma kinitx tkopri persuni taħt il-25 sena kif kien l-appellant. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Ir-raba' u l-ħames aggravju**

(4) u (5) Dawn iż-żewġ aggravji qed jittieħdu flimkien. L-appellant jissottometti li hu ma kienx qed isuq b'sewqan eċċessiv. L-avukat difensur ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għal kelma użata minn waħda mill-vittmi – 'il-kelma eċċessiv' li turi li x-xhud ma kinitx qed tuża vokabularju li wieħed jorbot ma' tifla ta' dik l-eta'. Il-Qorti lesta li twarrab x'qalet it-tifla u tistrieħ fuq dak li kkonstata b'mod matematiku u preċiż l-espert is-sur Mario Buttigieg. Huwa stabbilixxa veloċita' ta' 102 kilometru fis-siegħa. (fol 179)

Issa skont il-ġurisprudenza:

'Speed jista' jkun eċċessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.' (Il-Pulizija versus R Bugeja) (Ara referenza fil-Volum LXXXVII Part IV 2003 paġina 239).

F'dan il-każ, l-ispeed massimu kellu jkun ta' 50 kilometru fis-siegħa. Barra dan, jekk, skont ma ssottometta l-appellant, il-konfigurazzjoni tat-triq toħloq ċerti problemi, allura wieħed ikun irid joqgħod attent.

Iżda l-appellant, mhux biss ma osservax il-limitu tas-sewqan, talli qabel ma seħħ l-inċident ma kienx ta każ li d-dawl kien aħmar u baqa' jsuq.

Dan żgur kien sewqan bla kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż.

L-appellant jissottometti wkoll li huwa ma waqafx eżatt fuq il-post mhux għax kien qed isuq b'mod eċċessiv iżda għax beża'. Bir-rispett kollu, il-mod kif tajjar lit-tfal – b'waħda

minnhom litteralment ittir – juri li kien impossibbli għalih li jieqaf ħesrem f'każ li tinqala' xi emerġenza jew jekk fl-inħawi jkun hemm xi zebra crossing.

Il-Qorti għalhekk qed tiċħad ir-raba' u l-ħames aggravju.

**L-aggravju dwar il-piena**

(6) Dan l aggravju huwa dwar il-piena u jsegwi li l-ewwel wieħed irid jistabillixxi ta' liema reati jew kontravenzjonijiet l-appellant instab ħati. L-Ewwel Qorti eskludiet l-artikoli 217 u 225 għax ma kinux japplikaw għall-fatti konstatati. Ma ħaditx konjizzjoni tas-seba' imputazzjoni u illiberat lill-appellant mill-imputazzjonijiet indikati fil-paragrafi (i), (k) u (m) mibgħutin fl-att tar-rinviju tal-artikoli.

L-Ewwel Onorabbli Qorti għalhekk sabet lill-appellant ħati tar-reati jew kontravenzjonijiet l-oħra kollha msemmija fl-att tar-rinviju u kkwotati fis-sentenż a fol 747 inkluż dak dwar ir-reċidiva. Għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni (il-paragrafu (b) tan-nota tar-rinviju) l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant ħati tar-reat minuri kompriż u involut ta' offiża gravi involontarja ai termini tal-artikoli 226(1)(b).

Ir-reati li tagħhom instab ħati l-appellant iġibu magħhom piena kemm ta' priġunerija jew ta' multi. Fil-piena ma tissemma ebda multa u għalhekk isegwi li l-Ewwel Onorabbli Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ applikat il-piena ta' priġunerija. Jekk wieħed jeżamina ir-reat taħt l-artikolu 226(1)(a), dan iġorr miegħu priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena. Il-Qorti qieset it-tieni imputazzjoni kompriża u involuta. Wara hemm il-piena ta' tliet xhur massimu skont l-artikolu 328 (d). Imbagħad hemm il-pieni pekunjarji jew priġunerija skont l-artikolu 15 tal-Kap 65 (priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew multa) u l-piena ta' multa ta' massimu €6990 jew sena priġunerija jew it-tnejn flimkien skont l-artikolu 3(2)(ċ) tal-Kap 104. Wieħed jista' japplika l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 u fl-aħħar hemm ir-reċidiva. L-ewwel parti tal-matematika (bl-applikazzjoni tas-17(b)) twassal għal tmintax-il xahar priġunerija. Bl-applikazzjoni tar-reċidiva (iżżid grad ieħor)

u skont l-artikolu 31(1)(b)(viii)(vii), il-piena titla’ bejn is-sentejn u l-erba’ snin. Minn dan l-eżerċizzju jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma tatx piena eċċessiva iżda waħda fil-parametri tal-Liġi. Din il-Qorti eżaminat ir-raġunijiet li tat l-Ewwel Qorti kif ukoll il-proċess minn qoxra sa qoxra u ma ssib ebda raġuni għala għandha tbiddel din il-piena. Ikkonsidrat li l-appellant huwa reċidiv u l-konsegwenzi serji tas-sewqan eċċessiv tiegħu. L-appellant jorbot il-piena mal-artikolu 328 tal-Kap 9. Kif diġa’ ntwera aktar ‘il fuq, dan mhux il-każ għaliex l-appellant jinjora għal kollox dak li jiddisponi l-artikolu 226 tal-Kap 9 għall-fatti ewlenin ta’ dan il-każ.

**Il-Konfiska tal-vettura.**

Il-konfiska hija riżultat ta’ dak jiddisponi l-artikolu 3(2)(ċ)(i) tal-Kap 104. Sakemm ireġi l-argument li l-persuna ( u mhux biss il-vettura) trid tkun inxurjata m’hemmx wisq xi tgħid dwar il-konfiska tal-karozza ħlief li l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat il-Liġi.

**Is-sospensjoni tal-Liċenzja.**

L-appellant iqis li l-perjodu ta’ sospensjoni għal għaxar snin huwa wieħed eċċessiv u li dan kellu jseħħ minnufih u mhux minn meta jiskonta s-sentenza.

L-artikolu 15(2) tal-Kap 65 jipprovdi li jekk persuna tkun instabet ħatja ta’ sewqan bla rażan għall-ewwel darba l-iskwalifika għandha tkun ta’ mhux anqas minn tliet xhur u fil-każ tat-tieni darba jew aktar, allura l-perjodu tal-iskwalifika għandu jkun ta’ mhux anqas minn sena. Il-Qorti studjat bir-reqqa s-sentenzi li jidhru 415 sa 417 li għandhom dejjem l-istess imputazzjonijiet – sewqan bla liċenzja u sewqan bla assigurazzjoni. Iżda mkien ma hemm imputazzjoni li l-appellant saq b’mod traskurat jew perikoluż. Għalhekk dwar dan l-aggravju, l-Qorti qed tagħti raġun lill-appellant. Isegwi li l-perjodu bla liċenzja għandu jkun ta’ 6 (sitt) xhur liema perjodu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl ta’ llum.

**Konklużjoni.**

**Il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-27 ta' Lulju 2011 fl-ismijiet premessi billi waqt li tikkonfermha (a) fis-sejbien tal-ħtija tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha li mhumiex esklużi fil-paragrafu (b) ta' din il-konklużjoni u (b) fejn l-appellant kien liberat mill-imputazzjonijiet indikati fil-paragrafi 'i', 'k' u 'm' tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali u fejn ma ħaditx konjizzjoni tas-sebgħa imputazzjoni u (ċ) fejn ikkundannat lill-imputat għal sentejn priġunerija u għall-ħlas tal-ispejjeż peritali fl-ammont ta' Ewro3,092.66 u fejn ordnat il-konfiska tal-karozza u qed tirriformha f'dik il-parti biss fejn il-Qorti tal-Maġistrati skwalifikat lill-appellant milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal għaxar snin li kellhom jibdew jiddekorru minn meta jispiċċa l-piena karċerarja u minflok qed tiskwalifikah milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal (6) sitt xhur li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------